REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2384

tad-19 ta' Diċembru 2017

li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu ad hoc tal-2019 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol fir-rigward tal-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi, il-linji gwida dwar l-impjiegi ([2]) u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([3]), b'mod partikolari l-prinċipji tagħha dwar l-impjieg sigur u flessibbli, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u l-ambjent tax-xogħol adattat b'mod tajjeb, jesprimu l-ħtieġa ta' adattabilità akbar kemm tal-intrapriżi kif ukoll tal-ħaddiema fl-Ewropa u jenfasizzaw il-ħtieġa li tinġabar dejta ta' stħarriġ Ewropew fuq skala kbira dwar l-applikazzjoni ta' forom diversi ta' prattiki ġodda fl-organizzazzjoni tax-xogħol u ta' arranġamenti tal-ħin tax-xogħol u l-esperjenzi tal-ħaddiema b'dawk il-prattiki u l-arranġamenti.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1851 ([4]) jispeċifika u jiddeskrivi l-oqsma li dwarhom għandha tiġi pprovduta informazzjoni aktar dettaljata, jiġifieri s-submoduli ad hoc, u li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-modulu ad hoc tal-2019 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol fir-rigward tal-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament (KE) Nru 577/98.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri, il-kodiċijiet u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-dejta mill-Istati Membri skont il-modulu ad hoc dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-karatteristiċi tekniċi tal-modulu ad hoc tal-2019 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol, il-filtri, il-kodiċijiet u l-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jibgħatu r-riżultati lill-Kummissjoni huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1848 tal-5 ta' Ottubru 2015 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri għall-2015 (ĠU L 268, 15.10.2015, p. 28).
([3]) https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1851 tal-14 ta' Ġunju 2016 li jadotta l-programm ta' moduli ad hoc, li jkopri s-snin 2019, 2020 u 2021, għall-istħarriġ kampjunarju dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 284, 20.10.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Dan l-Anness jistabbilixxi l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw fil-modulu ad hoc dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol skedat li jsir fl-2019. Dan jistabbilixxi wkoll id-dati għas-sottomissjoni tad-dejta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

L-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati lill-Kummissjoni: Il-31 ta' Marzu 2020.

Il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-dejta: kif stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 ([1]).

Il-kolonni riżervati għall-fatturi ta' differenzzazzjoni fakoltattivi, li għandhom jintużaw f'każijiet ta' subkampjunar jew ta' ebda tweġiba: il-kolonni 226-229 li fihom numri sħaħ u l-kolonni 230-231 li fihom pożizzjonijiet deċimali.

(1) **Submodulu "Flessibbiltà tal-ħinijiet tax-xogħol"**

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
VARIWT		**Ħinijiet tax-xogħol varjabbli**	WSTATOR = 1,2
211		*Kif jiġi ddeterminat il-bidu u t-tmiem tal-ħin tax-xogħol fl-impjieg prinċipali*	
	1	Il-ħaddiem jista' jiddeċiedi bis-sħiħ dwar il-ħin tax-xogħol	
	2	Il-ħaddiem jista' jiddeċiedi dwar il-ħin tax-xogħol b'ċerti restrizzjonijiet	
	3	Is-sid jew l-organizzazzjoni prinċipalment jiddeċiedu dwar il-ħin tax-xogħol	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
FREEHOUR		**Faċilità biex wieħed jieħu sigħat liberi**	VARIWT = 2,3,vojt
212		*Il-possibbiltà li fl-impjieg prinċipali, wieħed jieħu siegħa jew sagħtejn liberi għal raġunijiet personali jew tal-familja fi żmien perjodu ta' jum tax-xogħol wieħed*	
	1	Faċli ħafna	
	2	Pjuttost faċli	
	3	Pjuttost diffiċli	
	4	Diffiċli ħafna	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
FREELEAV		**Faċilità biex wieħed jieħu ġranet frank**	WSTATOR = 1,2
213		*Il-possibbiltà li fl-impjieg prinċipali wieħed jieħu ġurnata frank jew tnejn fi żmien perjodu ta' tliet ijiem tax-xogħol*	
	1	Faċli ħafna	
	2	Pjuttost faċli	

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' data mill-2009 'l quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' data dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57).

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	3	Pjuttost diffiċli	
	4	Diffiċli ħafna	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
FLEXWT		**Flessibbiltà mistennija fil-ħinijiet tax-xogħol**	WSTATOR = 1,2
214		*Il-frekwenza li biha l-ħaddiem irid iħabbat wiċċu ma' talbiet mhux previsti biex jinbidel il-ħin tax-xogħol fl-impjieg prinċipali*	
	1	Mill-anqas darba fil-ġimgħa	
	2	Inqas minn kull ġimgħa iżda mill-inqas kull xahar	
	3	Inqas minn darba f'xahar jew qatt	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
AVAIFREE		**Disponibbiltà għax-xogħol f'ħin liberu**	WSTATOR = 1,2
215		*Il-ħaddiem ġie kkuntattjat waqt il-ħin liberu f'dawn l-aħħar xahrejn biex jieħu azzjoni għall-impjieg prinċipali qabel l-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss*	
	1	Ma ġiex ikkuntattjat f'dawn l-aħħar xahrejn (2)	
	2	Xi drabi ġie kkuntattjat	
	3	Ġie kkuntattjat diversi drabi u kien mistenni jaġixxi qabel il-jum tax-xogħol li jmiss	
	4	Ġie kkuntattjat diversi drabi u ma kienx mistenni jaġixxi qabel il-jum tax-xogħol li jmiss	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

(2) **Submodulu "Metodi waqt ix-xogħol"**

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
RECHOURS		**Reġistrazzjoni ta' preżenza jew tas-sigħat tax-xogħol**	STAPRO = 3
216-217		*Il-metodu tar-reġistrazzjoni tal-preżenza jew tas-sigħat tax-xogħol fl-impjieg prinċipali*	
	01	Il-preżenza u s-sigħat ma jiġux irreġistrati	
	02	Il-preżenza tiġi rreġistrata manwalment mill-ħaddiem innifsu	
	03	Il-preżenza tiġi rreġistrata manwalment minn superviżur/kollega	
	04	Il-preżenza tiġi rreġistrata awtomatikament (is-sistema tal-arloġġ mal-log-in)	

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	05	Il-preżenza tiġi rreġistrata b'metodu ieħor	
	06	Is-sigħat jiġu rreġistrati manwalment mill-ħaddiem innifsu	
	07	Is-sigħat jiġu rreġistrati manwalment minn superviżur/kollega	
	08	Is-sigħat jiġu rreġistrati awtomatikament (is-sistema tal-arloġġ, mal-log-in)	
	09	Is-sigħat jiġu rreġistrati b'metodu ieħor	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
PRESSURE		**Xogħol taħt pressjoni ta' ħin**	WSTATOR = 1,2
218		*Il-frekwenza li biha l-persuna taħdem taħt pressjoni ta' ħin fl-impjieg prinċipali*	
	1	Dejjem	
	2	Ta' spiss	
	3	Xi kultant	
	4	Qatt	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
JOBAUTON		**Awtonomija tal-impjieg**	WSTATOR = 1,2
219-220		*Il-possibbiltà li l-kontenut u l-ordni tal-kompiti jiġu influwenzati fl-impjieg prinċipali*	
	11	Influwenza kbira fuq il-kontenut u l-ordni	
	12	Influwenza kbira fuq l-ordni u xi influwenza fuq il-kontenut	
	13	Influwenza kbira fuq l-ordni u ftit jew xejn fuq il-kontenut	
	21	Xi influwenza fuq l-ordni u influwenza kbira fuq il-kontenut	
	22	Xi influwenza fuq l-ordni u l-kontenut	
	23	Xi influwenza fuq l-ordni u ftit jew xejn fuq il-kontenut	
	31	Influwenza kbira fuq il-kontenut u ftit jew xejn fuq l-ordni	
	32	Xi influwenza fuq il-kontenut u ftit jew xejn fuq l-ordni	
	33	Ftit jew l-ebda influwenza fuq l-ordni u fuq il-kontenut	
	99	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

(3) **Submodulu "Post tax-xogħol"**

Isem/Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
PLACEWK		**Post tax-xogħol prinċipali**	WSTATOR = 1,2
221		*Il-post fejn primarjament jitwettqu l-attivitajiet tal-impjieg prinċipali*	
	1	Il-bini tas-sidien jew tal-ħaddiem stess	
	2	Id-dar	
	3	Il-post tal-klijenti	
	4	Post mhux fiss (vettura, servizz ta' konsenja, eċċ.)	
	5	Oħrajn	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
COMMUTM		**Ħin ta' vvjaġġar bejn id-dar u x-xogħol u lura**	PLACEWK ≠ 2
222-224		*Ħin meħud biex wieħed jasal mid-dar għax-xogħol għall-impjieg prinċipali (f'direzzjoni waħda)*	
	000-240	Minuti	
	999	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
OTHERLOC		**Xogħol f'postijiet oħra**	PLACEWK = 1-5
225		*Il-persuna taħdem f'iktar minn post wieħed għall-impjieg prinċipali*	
	1	Kuljum	
	2	Mhux kuljum, iżda tal-inqas kull ġimgħa	
	3	Inqas minn kull ġimgħa iżda mill-inqas kull xahar	
	4	Inqas minn darba f'xahar jew qatt	
	9	Mhux applikabbli (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	